Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

25 ta' Lulju, 2000

## ATT Nru. XX ta' l-2000

*ATT biex jagħmel provvedimenti dwar u jistabbilixxi proċeduri għarrigward ta' rifuġjati u persuni li jfittxu asil.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej: —

## TAQSIMA I

## Provvedimenti Ġenerali

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-2000 dwar ir-Rifuġjati. **Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.**

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' l-Att.

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra — **Tifsir.**

"applikant" tfisser persuna li tkun għamlet applikazzjoni għal dikjarazzjoni taħt l-artikolu 8;

"applikazzjoni" tfisser applikazzjoni għal status ta' rifuġjat magħmula taħt l-artikolu 8;

"applikazzjoni manifestament infondata" tfisser applikazzjoni –

(a) li ma tkunx relatata ma' raġunijiet għaliex persuna tkun rifuġjat kif imfissra fil-Konvenzjoni; jew

(b) li tkun għal kollox nieqsa fis-sustanza billi l-applikant ma jipprovdi ebda indikazzjoni li se jkun espost għal biża' ta' persekuzzjoni f'pajjiżu stess jew l-istorja li jagħti ma jkun fiha ebda dettall ċirkostanzjali jew personali; jew

(ċ) li dwarha l-applikant jagħti dettalji jew iġib provi li b'mod ċar ma jkunux suffiċjenti biex jissostanzjaw il-pretensjoni tiegħu u l-istorja li jagħti tkun waħda inkonsistenti, kontradittorja jew fondamentalment improbabbli; jew

(d) li dwarha l-applikant isejjes l-applikazzjoni tiegħu fuq identità falsa jew fuq dokumenti falsifikati jew foloz li huwa jirritjeni bħala ġenwini meta jiġi mistoqsi dwarhom; jew

(e) li dwarha l-applikant ikun deliberatament qarraq b'mod sostanzjali; jew

(f) li dwarha l-applikant, mingħajr kawża raġonevoli u b'malafidi, ikun qered, ħassar jew xort'oħra għamel minn xi passaport, dokument jew biljett ieħor rilevanti għall-pretensjoni tiegħu, kemm biex jistabbilixxi identità falsa għall-fini ta' l-applikazzjoni tiegħu kemm biex jirrendi l-konsiderazzjoni ta' l-applikazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet iktar diffiċli; jew

(ġ) li dwarha l-applikant ikun deliberatament naqas li jiżvela li jkun qabel għamel appikazzjoni għal asil f'pajjiż ieħor; jew

(ħ) li dwarha l-applikant, għax kellu qabel opportunità biżżejjed li jressaq applikazzjoni għal asil, ikun għamel l-applikazzjoni bil-għan li jwaqqaf ordni li jkun se jsir dwar it-tneħħija tiegħu minn Malta, u ma jkunx ipprovda spjegazzjoni valida għaliex ma jkunx applika aktar qabel; jew

(i) li dwarha l-applikant ikun b'mod flagranti naqas milli jikkonforma ruħu ma' obbligazzjonijiet sostantivi imposti bil-provvedimenti tal-liġi ta' Malta għar-rigward ta' proċeduri ta' asil; jew

(j) li qabilha l-applikant ikun għamel applikazzjoni għar-rikonoxximent tiegħu bħala rifuġjat fi stat parti fil-Konvenzjoni, u l-Kummissarju jkun sodisfatt li l-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet ikkunsidrata u miċħuda kif dovut u li l-applikant ikun naqas li juri bidla materjali f'dawn iċ-ċirkostanzi;

"dikjarazzjoni" tfisser dikjarazzjoni li persuna tkun rifuġjata;

"Dokument ta' l-Ivvjaġġar tal-Konvenzjoni" tfisser id-dokument ta' l-ivvjaġġar imsemmi fl-Artiklu 28 tal-Konvenzjoni;

"Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni ta' l-1951 dwar l-Istatus ta' Rifuġjati magħmula f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju, 1951, li Malta aderiet għaliha fis-17 ta' Ġunju, 1971, u l-Protokoll ta' l-1967 dwar l-Istatus ta' Rifuġjati tal-31 ta' Jannar, 1967 li Malta aderiet għalih fil-15 ta' Settembru, 1971, bla ħsara għad-dikjarazzjonijiet u r-riservi magħmulin minn Malta;

"il-Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għar-Rifuġjati, u tinkludi skond il-limitu u l-awtorità mogħtija, lil kull persuna oħra temporanjament awtorizzata f'dik il-kapaċità mill-Ministru;

"il-Kummissarju Għoli" tfisser il-Kummissarju Għoli għar-Rifuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti jew min jirrappreżentah;

"membri tal-familja dipendenti" tfisser il-konjuġi tar-rifuġjat, sakemm iż-żwieġ ikun jissussisti fid-data ta' l-applikazzjoni tar-rifuġjat, u dawk l-ulied tar-rifuġjat li fid-data ta' l-applikazzjoni tar-rifuġjat ikunu taħt l-età ta' tmintax-il sena u ma jkunux miżżewġin;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni, u kull uffiċjal pubbliku li l-Ministru jista' jiddelegalu bil-miktub xi wieħed mid-dmirijiet li huwa għandu taħt dan l-Att;

"pajjiż ta' l-oriġini sigur" tfisser pajjiż li tiegħu applikant ikollu nazzjonalità jew ċittadinanza jew, jekk ma jkollux nazzjonalità jew ċittadinanza tiegħu, li fih ikollu dritt ta' residenza u li f'termini ġenerali, jitqies bħala li ma jippreżenta ebda riskju serju ta' persekuzzjoni fuq il-bażi ta' dawn il-kriterji ta' stima li ġejjin:-

(a) li l-pajjiż ġeneralment ma għandux it-tendenza li jiġġenera r-rifuġjati;

(b) li l-pajjiż formalment jaderixxi għall-obbligazzjonijiet tiegħu skond l-istrumenti internazzjonali relattivi għad-drittijiet tal-bniedem u sew fid-dritt sew fil-prattika domestika tiegħu, ikun konformi ma' dawk l-obbligazzjonijiet u iktar minn hekk ikollu storja li turi li jkun jippermetti li organizzazzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali rikonoxxuti jissorveljaw ġrajjietu għar-rigward tad-drittijiet tal-bniedem;

(ċ) li l-pajjiż juri sew fil-liġi sew fil-prattika li jkun kapaċi jaderixxi għal proċessi demokratiċi, inklużi elezzjonijiet ħielsa, pluraliżmu politiku u libertà ta' espressjoni u tal-ħsieb b'attenzjoni partikolari għad-disponibbiltà u l-effettività ta' possibilitajiet legali ta' protezzjoni u rimedju:

Iżda f'kull stima li ssir dwar kemm pajjiż jista' jkun sigur minn persekuzzjoni skond il-Konvenzjoni, għandu jiġi provdut dwar kull bidla drammatika istantanea li jista' jkun hemm fis-sitwazzjoni politika jew legali tiegħu li minħabba fiha ma jibqax jitqies bħala pajjiż sigur;

"pajjiż terz sigur" tfisser pajjiż li tiegħu l-applikant ma jkollux nazzjonalità jew ma jkunx ċittadin u fejn:

(a) il-ħajja jew il-libertà ta' l-applikant mhux se tkun mhedda fil-kuntest tat-tifsira t'a l-Artiklu 33 tal-Konvenzjoni; u

(b) l-applikant kien jirrisjedi għal perjodu ta' żmien konsiderevoli qabel id-dħul tiegħu f'Malta; u

(ċ) l-applikant mhux se jkun espost għat-tortura jew għal trattament inuman jew degradanti, u jkun se jiġi ttrattat skond livelli ta' drittijiet tal-bniedem bażiċi; u

(d) l-applikant jew kien diġà ngħata protezzjoni jew kollu opportunità, fuq il-fruntiera jew ġot-territorju ta' dak il-pajjiż, li jagħmel kuntatt ma' l-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż sabiex jikseb il-protezzjoni tagħhom, qabel ma japplika għal asil f'Malta, jew fejn ikun hemm prova ċara ta' l-ammissibilità tiegħu f'dak il-pajjiż; u

(e) l-applikant jingħata protezzjoni effettiva kontra *refoulement* fil-kuntest tat-tifsira tal-Konvenzjoni;

"persuna li tfittex asil" tfisser persuna li tkun għamlet applikazzjoni għal dikjarazzjoni taħt l-artikolu 8;

"preskritt" tfisser preskritt b'xi regolament, regola, ordni jew strument ieħor magħmul taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jagħti setgħa ta' għemil ta' xi strument bħal dak;

"protezzjoni umanitarja" tfisser permess speċjali biex persuna tibqa' Malta sakemm hija tkun tista' terġa' lura b'sigurezza fil-pajjiż ta' oriġni tagħha jew inkella tibda tabita mill-ġdid f'pajjiż ieħor;

"rifuġjat" tfisser min, minħabba f'biża' msejsa fuq ir-realtà li jista' jiġi ppersegwitat għal raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, sħubija f'xi grupp soċjali jew fehma politika partikolari, ikun jinsab barra mill-pajjiż tan-nazzjonalità tiegħu u ma jkunx kapaċi jew, minħabba f'dik il-biża', ma jkunx irid jinqeda bil-protezzjoni ta' dak il-pajjiż; jew min, mingħajr ma jkollu nazzjonalità u filwaqt li jkun barra mill-pajjiż fejn soltu kien joqgħod, minħabba f'dawn l-avvenimenti, ma jkunx kapaċi jew, minħabba f'dik il-biża', ma jkunx irid jerġa' lura fih, iżda ma tinkludix lil min —

(a) ikun qed jirċievi xi protezzjoni jew assistenza mingħand l-organi jew aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti (minbarra l-Kummissjoni Għolja),

(b) dwaru jkun hemm raġunijiet serji biex jiġi kkunsidrat li huwa:

*(i)* ikun għamel reat kontra l-paċi, reat ta' gwerra, jew reat kontra l-umanità, kif imfisser fl-istrumenti internazzjonali kostitwiti biex jipprovdu dwar reati bħal dawk; jew

*(ii)* ikun għamel reat gravi mhux ta' xorta politika barra minn Malta qabel ma jkun daħal Malta; jew

*(iii)* ikun ħati ta' attijiet li jmorru kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti:

Iżda meta persuna jkollha iktar minn nazzjonalità waħda, il-kelma "pajjiż" imsemmija hawn aktar qabel, għandha tkun tirreferi għal kull wieħed mill-pajjiżi li tiegħu tkun ċittadin, u dik il-persuna ma għandhiex titqies bħala li ma għandhiex il-protezzjoni ta' pajjiżha, jekk, mingħajr biża' msejsa fuq il-persekuzzjoni, ma tkunx fittxet il-protezzjoni ta' xi wieħed mill-pajjiżi li tiegħu dik il-persuna tkun ċittadin;

"uffiċjal ta' l-immigrazzjoni" tfisser uffiċjal ta' l-immigrazzjoni nominat taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni. Kap. 217

Konvenzjoni ta' l-1951 dwar l-Istatus ta' Rifuġjati.

**3.** Dan l-Att jinkorpora l-obbligazzjonijiet li Malta assumiet taħt il-Konvenzjoni, u fit-tifsir tiegħu għandu jittieħed kont tal-provvedimenti tal-Konvenzjoni.

## TAQSIMA II

## Proċeduri

### *Titolu I - Il-Kummissarju għar-Rifuġjati*

Twaqqif ta' Kummissarju għar-Rifuġjati.

**4.** (1) Għandu jkun hemm persuna li tkun magħrufa bħala l-Kummissarju għar-Rifuġjati.

(2) Il-Kummissarju jinħatar mill-Prim Ministru minn fost uffiċjali pubbliċi jew minn fost persuni oħra li f'kull każ, fil-fehma tal-Prim Ministru, jkollhom għarfien u esperjenza fi ħwejjeġ li jolqtu r-rifuġjati.

(3) Il-Kummissarju għandu jwettaq dawk il-funzjonijiet li jiġu lilu mogħtija b'dan l-Att, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi hawn aktar qabel, huwa għandu jeżamina applikazzjonijiet li jsiru għal status ta' rifuġjat u jkollu s-setgħa li jagħti ġuramenti lil kull persuna.

(4) Il-Prim Ministru jista' jassenja uffiċjali pubbliċi biex ikunu membri tal-persunal tal-Kummissarju hekk kif jista' jqis li jkun meħtieġ sabiex jgħinu lill-Kummissarju fit-twettiq ta' dmirijietu.

### *Titolu II - Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati*

Twaqqif ta' Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati.

**5.** (1) Il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati jkun magħmul minn president u żewġ membri oħra li jinħatru mill-Prim Ministru minn fost persuni li jkunu ta' integrità magħrufa u li jidhrulu li jkunu kwalifikati minħabba f'li kellhom esperjenza, u wrew ħila, f'suġġetti li jitqiesu adattati għal dak l-iskop:

Iżda għall-inqas wieħed mill-membri tal-Bord għandu jkun persuna li tkun eżerċitat ta' avukat f'Malta għal perjodu jew perjodi li jammontaw, b'kollox, għal mhux anqas minn seba' snin.

Ħatra.

(2) Il-membri tal-Bord għandhom jibqgħu fil-kariga għal perijodu ta' tliet snin, u jkunu jistgħu jerġgħu jiġu maħtura.

(3) Il-Ministru jista' wkoll jaħtar president sostitut u membri sostituti tal-Bord sabiex joqogħdu fil-Bord kull meta l-president jew il-membri jew xi wieħed minnhom ikun għal xi raġuni valida temporanjament inkapaċi milli jattendi u jippartecipa fis-seduti tal-Bord:

Iżda, kemm jista' jkun prattikament possibbli, l-istess president u l-istess membri għandhom jisimgħu u jikkonkludu l-istess każ.

6. Membru tal-Bord jista' biss jitneħħa mill-kariga mill-Prim Ministru minħabba fi traskuraġni gravi, inkompetenza, jew attijiet, ommissjonijiet jew imġieba li ma jixirqux lil membru tal-Bord. Tneħħija.

7. (1) Il-Bord ikollu s-setgħa li jisma' u jiddeċiedi appelli kontra xi rakkomandazzjoni tal-Kummissarju. Appelli lill-Bord.

(2) Appelli lill-Bord għandhom isiru fi żmien ġimgħatejn minn meta ssir in-notifika tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju lill-applikant. Meta jkun l-applikant li jagħmel l-appell, għandha tiġi notifikata kopja ta' l-appell lill-Ministru u lill-Kummissarju. Meta jkun il-Ministru li jagħmel l-appell, għandha tiġi notifikata kopja ta' l-appell lill-applikant u lill-Kummissarju.

(3) Meta jsir appell mill-Ministru, applikant li jkun qiegħed jinżamm f'kustodja minħabba biss f'ordni ta' deportazzjoni jew ta' tneħħija għandu jinħeles sakemm tingħata d-deċizjoni tal-Bord.

(4) Il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati għandu, skond ma jista' jkun jeħtieġ il-każ partikolari, jagħmel arranġamenti biex jipprokura l-attendenza ta' interpretu biex jassisti waqt is-seduti.

(5) Appellant ikollu d-dritt għal għajnuna legali bla ħlas taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għal ċittadini Maltin.

(6) Sakemm il-partijiet kollha jkunu jaqblu bejniethom, is-seduti tal-Bord għandhom jinżammu *in camera*.

(7) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu ta' qabel, rappreżentant tal-Kummissarju Għoli dejjem ikollu d-dritt jattendi għas-seduti tal-Bord.

(8) Bla ħsara għar-regolamenti magħmulin taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 ta' dan l-Att, il-Bord għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu. Il-Bord għandu wkoll permezz tal-President ikollu s-setgħa li jamministra l-ġurament lil kull persuna li tidher quddiemu.

(9) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda mingħajr preġudizzju għall-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, id-deċizjoni tal-Bord tkun waħda finali u konklużiva u ma tkun tista' tiġi kontestata jew appellata quddiem ebda qorti tal-ġustizzja. Kap. 319.

(10) Meta l-Bord jiddeċiedi favur l-applikant, il-Ministru għandu joħroġ dikjarazzjoni skond hekk.

(11) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' applikazzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati taħt il-proċeduri aċċellerati skond l-artikolu 18 ta' dan l-Att.

## TAQSIMA III

## Kif jiġu trattati Persuni li jfittxu Asil u Rifuġjati

Applikazzjonijiet għal status ta' rifuġjat.

**8.** (1) Persuna li tkun qegħda tfittex asil f'Malta, għandha ssirilha intervista minn uffiċjal ta' l-immigrazzjoni kemm jista' jkun malajr, u hija tista' tapplika lill-Kummissarju fuq il-formola preskritta għal dikjarazzjoni. Il-formola preskritta għandha, meta jkun possibbli, tkun f'ilsien li l-applikant ikun jifhem. L-uffiċjal ta' l-immigrazzjoni għandu wkoll jgħarraf lil dik il-persuna bid-dritt li għandha li tapplika għal dikjarazzjoni u li tikkonsulta lill-Kummissarju Għoli u li jkollha assistenza legali matul il-fażijiet kollha tal-proċedura ta' l-asil.

(2) Persuna li f'xi żmien tkun tinsab Malta (sew legalment sew mhux) u li tkun qegħda tfittex li jkollha l-istatus ta' rifuġjat f'Malta, tista' tapplika fuq il-formola preskritta lill-Kummissarju għal dikjarazzjoni, u l-Kummissarju għandu jeħtieġ lill-applikant sabiex jattendi għal intervista fi żmien ġimgħa. Intervista taħt dan is-subartikolu għandha ssir bil-magħluq u, meta jkun hekk meħtieġ u possibbli, bl-assistenza ta' interpretu.

(3) Kull informazzjoni li tirrigwarda applikazzjonijiet għal status ta' rifuġjat għandha tibqa' waħda konfidenzjali. Taħt ebda ċ irkostanza ma għandha xi informazzjoni li tkun tirrigwarda dawk l-applikazzjonijiet tiġi żvelata lill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' l-oriġini ta' l-applikant, lanqas ma għandha tintalab xi informazzjoni mingħand dawk l-awtoritajiet dwar l-applikant.

(4) Il-Kummissarju Għoli jkollu aċċess liberu għal kull persuna li tfittex asil u jista' jkun preżenti waqt kull intervista li ssirilha mill-Kummissarju għar-Rifuġjati.

(5) Il-Kummissarju għandu kemm jista' jkun malajr jeżamina applikazzjoni għal status ta' rifuġjat li tkun saret skond is-subartikoli (1) jew (2) ta' dan l-artikolu u għandu jirrikmanda lill-Ministru dwar jekk għandux jilqa' dik l-applikazzjoni jew le. F'dan l-għemil il-Kummissarju għandu jiżgura ruħu li l-applikant ikun ippreżenta l-każ tiegħu kollu kemm hu, li jkun sostnih bi provi u li jkun

ta spjegazzjonijiet xierqa għar-ragunijiet kollha li jkun ġab fl-applikazzjoni tiegħu. Kull deċizjoni tal-Kummissarju dwar xi applikazzjoni għandha tkun bil-miktub u għandu jkun fiha r-raġunijiet li tkun imsejsa fuqhom.

(6) Jekk il-Kummissarju jirrikmanda li l-applikazzjoni għandha tintlaqa', il-Ministru jagħmel dikjarazzjoni li tkun tgħid li l-applikant ikun eliġibbli għal status ta' rifuġjat, jew inkella jappella kontra rikmandazzjoni bħal dik skond ma hemm fl-artikolu 7.

(7) Il-Kummissarju jista' jirrikmanda lill-Ministru li, minkejja l-fatt li persuna ma tkunx tissodisfa l-ħtiġiet biex tiġi rikonoxxuta bħala rifuġjat, dik il-persuna għandha tingħata protezzjoni umanitarja f'Malta.

(8) Meta ssir tali rakkomandazzjoni, il-Ministru għandu jagħti dik il-protezzjoni umanitarja; dik il-protezzjoni għandha tieqaf jekk il-Ministru jkun sodisfatt, wara li jikkonsulta lill-Kummissarju, li dik il-protezzjoni ma tkunx aktar meħtieġa.

**9.** (1) Persuna ma għandhiex titkeċċa minn Malta jew titreġġa' lura b'xi mod li jkun lejn il-fruntieri ta' territorji fejn il-ħajja jew il-libertà ta' dik il-persuna jkunu mhedda minħabba fir-razza, reliġjon, nazzjonalità, sħubija f'xi grupp soċjali partikolari jew il-fehma politika tagħha. Projbizzjoni ta' *refoulement*.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw għal rifuġjat li dwaru jkun hemm ragunijiet validi li jitqies bħala bniedem perikoluz għas-sigurtà ta' Malta, jew li, wara li jkun instab ħati b'sentenza finali ta' xi delitt partikolarment serju, jkun ta' periklu għall-komunità.

**10.** (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tistabbilixxi xort'oħra, persuna li tfittex asil m'għandhiex titneħħa minn Malta qabel ma tiġi deċiza finalment l-applikazzjoni tagħha skond dan l-Att u dak l-applikant għandu jitħalla jidħol jew jibqa' Malta sakemm tingħata deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni tiegħu. Hija għandha jkollha wkoll aċċess għal edukazzjoni u taħriġ statali f'Malta u li tirċievi servizz u kura medika statali. Kif jiġu trattati persuni li jfittxu asil.

(2) Persuna li tfittex asil —

(a) ma għandhiex tfittex li jkollha x'impieg jew li tiggestixxi xi negozju kemm-il darba ma jkollhiex il-kunsens tal-Ministru;

(b) għandha, kemm-il darba ma tkunx taħt kustodja, toqgħod u tibqa' residenti fil-postijiet li l-Ministru jista' jindikalha;

(ċ) għandha tirraporta f'intervalli speċifikati għand l-awtoritajiet ta' l-immigrazzjoni skond kif jista' jindikalha l-Ministru:

Iżda jekk xi applikant bħal dak ikun qed jikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a), (b) u (ċ) ta' dan l-artikolu huwa jkun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien mhux iktar minn sitt xhur.

(3) Jekk l-applikant jitlaq minn Malta għax irid hu, l-applikazzjoni tiegħu titqies li tkun ġiet irtirata, kemm-il darba t-tluq tiegħu minn Malta ma jkunx ġie awtorizzat mill-Ministru.

Drittijiet tar-rifuġjati.

**11.** (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun tgħid xort'oħra u minkejja kull ordni ta' deportazzjoni jew ta' tneħħija, min ikun dikjarat rifuġjat ikollu jedd:—

(a) li jibqa' Malta, u li jingħata dokumenti personali, inkluż permess ta' residenza; u jekk ikun taħt kustodja minħabba biss f'ordni ta' deportazzjoni jew ta' tneħħija, li jinħeles minnufih;

(b) kemm-il darba ma jkunx taħt kustodja jistenna li jgħaddi proċedimenti ġudizzjarji għall-għemil ta' reat kriminali, jew ikun qed iservi perjodu ta' priġunerija, li jingħata Dokument ta' l-Ivvjaġġar tal-Konvenzjoni li jagħtih dritt ta' tluq u ritorn f'Malta mingħajr il-ħtieġa ta' ebda viża;

(ċ) li jkollu aċċess għal edukazzjoni u taħriġ statali f'Malta, u li jirċievi assistenza u servizzi mediċi statali.

(2) Il-membri dipendenti tal-familja ta' persuna dikjarata bħala rifuġjat li jkunu qegħdin Malta filwaqt tad-dikjarazzjoni jew li jingħaqdu magħha f'Malta, jkollhom l-istess drittijiet u benefiċċji bħar-rifuġjat innifsu.

Tfal u żgħażagħ.

**12.** Tifel jew żagħżugħ taħt l-età ta' tmintax il-sena li jaqa' fl-ambitu ta' dan l-Att li jinstab taħt ċirkostanzi li jkunu jindikaw ċar li jkun tifel jew żagħżugħ fil-bżonn ta' ħarsien, għandu jitħalla japplika għal asil, u għall-finijiet ta' dan l-Att, għandu jkun assistit skond ma hemm fl-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien), bħallikieku kien xi tifel jew żagħżugħ taħt dak l-Att.

Kap. 285.

**13.** Il-Ministru jista', fuq talba bil-miktub ta' applikant jew ta' rifuġjat rikonoxxut, u meta hekk meħtieġ, bl-assistenza tal-Kummissarju Għoli, jiffaċilita ċ-ċirkostanzi li jwasslu biex applikant jew rifuġjat imur jgħammar f'xi pajjiż ieħor u jagħmel dak kollu meħtieġ għal dak l-għan. Min imur jgħammar f'pajjiż ieħor.

**14.** Il-Kummissarju għandu jiżgura kemm jista' jkun possibbli, li l-mod kif jiġi applikat dan l-Att ikun konformi mal-prattika internazzjonali aċċettata, u għal dak l-għan jista' jikseb l-għajnuna tal-Kummissarju Għoli jew ta' kull għaqda mhux governattiva sew nazzjonali sew internazzjonali li jkollha x'taqsam ma' ħwejjeġ li jolqtu lir-rifuġjati. Assistenza.

## TAQSIMA IV

## Revoka ta' Dikjarazzjoni

**15.** (1) Persuna ttemm milli jibqa' jkollha status ta' rifuġjat jekk: — Tmiem ta' status ta' rifuġjat.

(a) għax riedet, reġgħet inqdiet bil-protezzjoni tal-pajjiż tan-nazzjonalità tagħha, jew jekk kienet tilfet in-nazzjonalità tagħha, reġgħet kisbitha għax hekk riedet; jew

(b) tkun kisbet nazzjonalità ġdida u tkun tgawdi l-protezzjoni tal-pajjiż tan-nazzjonalità ġdida tagħha; jew

(ċ) għax riedet, tkun stabbiliet ruħha mill-ġdid fil-pajjiż mnejn tkun telqet jew li tkun baqgħet barra minnu minħabba fil-biża' mill-persekuzzjoni; jew

(d) ma tkunx iktar tista' tkompli, minħabba f'li ċ-ċirkostanzi li b'konnessjoni magħhom hija tkun ġiet rikonoxxuta bħala rifuġjat jkunu ntemmu milli jibqgħu jeżistu, tirrifjuta li tinqeda bil-protezzjoni tal-pajjiż tan-nazzjonalità tagħha; jew

(e) tkun persuna li ma jkollha ebda nazzjonalità u, minħabba li ċ-ċirkostanzi li dwarhom hija tkun ġiet rikonoxxuta bħala rifuġjat ma jkunux għadhom jeżistu, tkun tista' tirritorna fil-pajjiż fejn soltu kienet toqgħod.

(2) Persuna li tkun ġiet avżata li tkun temmet milli tibqa' jkollha l-istatus ta' rifuġjat ikollha jedd għal appell kontra dik id-deċiżjoni quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati fi żmien ġimgħatejn minn dak l-avviż u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' dan l-Att għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal dak l-appell. Id-deċiżjoni ta' Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati tkun waħda finali.

Tħassir ta' status ta' rifuġjat.

**16.** (1) Il-Ministru jista' jirrevoka dikjarazzjoni ta' status ta' rifuġjat jekk, wara investigazzjoni xierqa, jkun sodisfatt li persuna li tkun ingħatatilha dikjarazzjoni tkun ġiet rikonoxxuta bi żball bħala rifuġjat minħabba f'applikazzjoni li jkun fiha xi informazzjoni materjalment mhux korretta jew falza, jew tkun ġiet hekk rikonoxxuta minħabba fi frodi, falsifikazzjoni jew xi għemil falz jew qarrieqi ta' xorta materjali jew sostantiva għar-rigward ta' l-applikazzjoni.

(2) Persuna li dwarha l-Ministru jkun irrevoka dikjarazzjoni taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkollha jedd tappella kontra r-revoka quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati fi żmien ġimgħa minn meta tiġi notifikata bir-revoka, u d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' l-Att għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal dak l-appell.

Tkeċċija ta' rifuġjat.

**17.** (1) Il-Ministru jista' jordna t-tkeċċija minn Malta ta' rifuġjat minħabba fis-sigurezza nazzjonali jew l-ordni pubbliku, u sakemm issir dik it-tkeċċija dik il-persuna għandha tinżamm taħt kustodja.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' dan l-Att għandhom, *mutatis mutandis*, ikunu japplikaw għall-ordnijiet ta' tkeċċija li jinħarġu taħt dan l-artikolu.

(3) Rifuġjat li għalih japplika dan l-artikolu għandu jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli li matulu jkun jista' jfittex li jitħalla jidħol legalment f'xi pajjiż ieħor.

## TAQSIMA V

## Proċeduri Aċċellerati

Proċeduri aċċellerati.

**18.** (1) Persuna li tkun qed tfittex asil f'Malta skond l-artikolu 8 ta' dan l-Att għandha tiġi eżaminata taħt proċeduri aċċellerati skond dan l-artikolu meta:–

(a) l-applikazzjoni tagħha tkun tidher *prima facie* bħala waħda manifestament infondata kif imfisser fl-artikolu 2 ta' dan l-Att, jew

(b) il-persuna jkollha nazzjonalità fi jew tkun ċittadin ta', jew, jekk ma jkollhiex nazzjonalità fi jew ma tkunx ċittadin ta', ikollha dritt ta' residenza fi, pajjiż ta' l-oriġni sigur kif imfisser fl-artikolu 2 ta' dan l-Att u fejn ma jkun hemm għalih ebda riskju gravi ta' persekuzzjoni fil-kuntest u fl-iskop tal-Konvenzjoni, jew

(ċ) il-persuna jew tkun ġiet diġà rikonoxxuta bħala rifuġjat skond il-Konvenzjoni f'pajjiż terz sigur kif imfisser fl-artikolu 2 ta' dan l-Att jew fejn diġà kellu ll-opportunità, fil-fruntiera tiegħu jew ġot-territorju tiegħu, japplika hemhekk għal status ta' rifuġjat qabel ma jiġi Malta u jkun hemm provi ċari li jkun jista' jiddaħħal f'dak il-pajjiż terz.

(2) Jekk wara li l-applikant jiġi intervistat skond proċeduri delineati fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 8 ta' dan l-Att, l-uffiċjal ta' l-immigrazzjoni involut ikun tal-fehma li l-applikazzjoni tkun tinkwadra f'xi waħda jew iktar mill-kategoriji speċifikati fil paragrafi (a) sa (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, huwa għandu minnufih jagħmel rapport bil-miktub dwar il-każ, flimkien ma' l-applikazzjoni magħmula mill-persuna lill-Kummissarju, u għandha wkoll tintbagħat mill-imsemmi uffiċjal ta' l-immigrazzjoni kopja tal-materjal kollu mibgħut lill-Kummissarju, lill-President tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati.

(3) Meta jsir rapport lill-Kummissarju taħt il-provvedimenti ta' hawn aktar qabel, il Kummissarju għandu jeżamina l-applikazzjoni mingħajr dewmien u f'kull każ fi żmien tlett ijiem minn meta jirċievi r-rapport mill-uffiċjal ta' l-immigrazzjoni skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(4) Il-President tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati għandu, fi żmien tlett ijiem u indipendentement mill-eżami li jkun qed isir mill-Kummissarju, jeżamina applikazzjoni li tkun ġiet lilu riferita mill-uffiċjal ta' l-immigrazzjoni skond is subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(5) Il-fehma tal-Kummissarju u tal-President tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati, dwar kull kwistjoni lilhom riferita skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, għandha tkun iffurmata b'mod indipendenti ta' wieħed minn ta' l-ieħor u tkun bażata fuq intervista separata li ssir ma' l-applikant, fuq id-dokumentazzjoni provduta mill-uffiċjal ta' l-immigrazzjoni, u fuq kull informazzjoni oħra minn individwi, organizzazzjonijiet jew awtoritajiet oħra involuti li huma jistgħu independentement iqisu bħala meħtieġa u spedjenti għall-finijiet tat-twettiq ta' eżami kif dovut tal-każ.

(6) Intervista ma' l-applikant taħt id-dispożizzjonijiet ta' hawn aktar qabel għandha, meta dan ikun japplika, titmexxa privatament u bl-assistenza ta' interpretu, u, jekk l-applikant ikun hekk jixtieq, fil-preżenza tal-Kummissarju Għoli. L-applikant għandu wkoll jiġi mgħarraf bid-dritt li għandu li jkollu s-servizz ta' avukat sabiex dan jassistih waqt il-proċedimenti.

(7) L-applikant involut u l-Kummissarju Għoli jistgħu jagħmlu iktar sottomissjonijiet, sew bil-fomm sew bil-miktub, lill-Kummissarju u, jew lill-President tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati, skond il-każ, dwar investigazzjoni li tkun qed issir minnhom skond applikazzjoni li titqies mill-uffiċjal ta' l-immigrazzjoni bħala li tinkwadra taħt waħda mill-kategoriji speċifikati taħt il-paragrafu (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jekk l-applikant involut ivanta fuq bażi individwali u personali riskju serju ta' persekuzzjoni lilu nnifsu f'pajjiż xort'oħra kkunsidrat bhala sigur fil-kuntest ta' l-iskop tal-Konvenzjoni, u l-Kummissarju u l-President tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati għandhom jikkunsidraw kull tali sottomissjoni.

(8) Bla ħsara ghad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, meta fid-deċiżjoni li jagħmlu l-Kummissarju u l-President tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati, independentement wieħed mill-ieħor, it-tnejn jaslu għall-konklużjoni li l-applikazzjoni tinkwadra taħt xi waħda mill-kategoriji speċifiċi msemmija fil-paragrafi (a) sa (ċ) fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda u dik id-deċizjoni għandha tkun waħda finali u konklużiva u minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra ma għandu jsir ebda appell jew tittieħed azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju minnha quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati jew quddiem xi qorti tal-ġustizzja oħra. Id-deċizjoni, inkluzi l-motivazzjonijiet tagħha, għandhom jiġu komunikati mill-Kummissarju lill-applikant bil-fomm, kemm-il darba huwa ma jitlobx konferma bil-miktub.

(9) (a) Meta, skond il-proċeduri delineati fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, applikazzjoni tkun ġiet miċħuda, il-Kummissarju għandu jibgħat kopja tad-deċiżjoni flimkien mal-motivazzjonijiet relattivi lil –

(i) il-Ministru,

(ii) il-President tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati,

(iii) il-Kummissarju Għoli, u

(iv) l-uffiċjal ta' l-immigrazzjoni.

(b) Wara li tittieħed deċiżjoni li tkun tiċħad applikazzjoni eżaminata taħt proċeduri aċċellerati skond dan l-artikolu, il-Kummissarju jista', jekk huwa jqis li jkun meħtieġ li jsir hekk, jgħarraf lill-awtoritajiet ta' xi pajjiż terz involut li dik l-applikazzjoni għal asil ma ġietx eżaminata fis-sustanza tagħha.

(10) Meta l-Kummissarju u l-President tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati, wara li jkunu għamlu eżami indipendenti ta' applikazzjoni lilhom riferita skond id dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jaslu għal konklużjonijiet differenti jew it-tnejn li huma ma jaqblux mal-fehma ta' l-uffiċjal ta' l-immigrazzjoni dwar jekk l-applikazzjoni għandhiex tkun ikkunsidrata taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-paragrafi (a) sa (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-applikant ikun intitolat li l-applikazzjoni tiegħu għal asil tiġi proċessata taħt proċeduri normali kif provdut taħt dan l-Att, inkluż id-dritt ta' appell skond l-artikolu 7, u l-Kummissarju għandu skond hekk jgħarraf bil-fomm lill-applikant u lill-Kummissarju Għoli bil-miktub minnufih.

(11) Għall-finijiet tal-paragrafi (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il Ministru jista', bil-miktub permezz ta' proċeduri amministrattivi, jiddikjara lil xi pajjiż bħala wieħed sigur mill-persekuzzjoni fit-termini u l-iskop tal-Konvenzjoni. Il-Ministru jista', ukoll bil-miktub permezz ta' proċeduri amministrattivi, jiddikjara lil xi pajjiż bħala li ma jkunx għadu wieħed sigur jekk, fil-fehma tiegħu, xi tibdil li jsir fis-sitwazzjoni politika jew legali tiegħu jkun juri li l-ħtiġiet tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni jkunu temmew milli jeżistu jew ikunu saru insodisfaċenti.

(12) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet ta'hawn aktar qabel ta' dan l-artikolu, jekk filwaqt li tkun qiegħda tiġi eżaminata xi applikazzjoni magħmula skond l-artikolu 8 ta' dan l-Att, il-Kummissarju jasal għall-konklużjoni li l-applikazzjoni għandha tiġi trattata taħt proċeduri aċċellerati minħabba li tkun waħda manifestament infondata jew għaliex l-applikant ikun sab u seta' jsib protezzjoni sigura band'oħra skond il-Konvenzjoni, l-applikant għandu jiġi trattat taħt proċeduri aċċellerati u d-dispożizzjonijiet ta' hawn aktar qabel ta' dan l-artikolu għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw.

(13) Għall-finijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jekk applikant ikollu dokument ta' l-ivvjaġġar maħruġ minn pajjiż terz sigur skond il-Konvenzjoni, huwa għandu jiġi dikjarat bħala li kien sigur mill-persekuzzjoni f'dak l-istat u l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi trattata taħt proċeduri aċċellerati skond id-dispożizzjonijiet ta' hawn aktar qabel ta' dan l-artikolu.

## TAQSIMA VI

## Mixxellanji

**19.** (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti bil-għan li dan l-Att ikun jista' jkollu seħħ u, b'mod partikolari iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak kollu hawn aktar qabel imsemmi, regolamenti taħt dan l-artikolu jistgħu jagħmlu provvedimenti li: **Setgħa ta' għemil ta' regolamenti.**

(a) jirregolaw l-applikazzjonijiet għal dikjarazzjoni u l-proċedura għal u dwar dawk l-applikazzjonijiet;

(b) jirregolaw bi ftehim mal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati appelli taħt dan l-Att quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati u l-proċedura għal u dwar dawk l-appelli u jipprovdu li kull persuna li tikser jew tonqos mill-tħares id-dispożizzjonijiet ta' xi regolament wieħed jew aktar minn dawk tkun ħatja ta' reat kontra r-regolamenti u sabiex tiġi stabbilita l-piena li tali persuna tkun tista' teħel meta tinsab ħatja, liema piena ma tkunx teċċedi multa ta' ħames mitt lira Maltija jew priġunerija għal żmien mhux iktar minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

(ċ) jirregolaw l-għoti ta' għajnuna legali lil persuni li jfittxu asil;

Kap. 318.

(d) jestendu, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għas-sigurtà soċjali, kull dispożizzjoni ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali lil persuni li jaqgħu taħt dan l-Att;

(e) jirregolaw l-għoti u l-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet u dmirijiet li jkollu l-Ministru taħt dan l-Att lil uffiċjal pubbliku;

(f) jirregolaw bi ftehim mal-Ministru responsabbli għax-xogħol l-għoti ta' permessi tax-xogħol lil rifuġjati rikonoxxuti;

(ġ) jipprovdu l-mezzi sabiex tiġi faċilitata l-identifikazzjoni ta' applikanti għal status ta' rifuġjati u sabiex tali informazzjoni tiġi komunikata, meta tkun hekk mitluba, lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi li magħhom Malta jkollha xi ftehim bilaterali intiż għal dawk l-għanijiet jew li jkunu partijiet f'konvenzjonijiet internazzjonali relatati mar-rifuġjati u li fihom Malta tkun ukoll parti u li jkunu jipprovdu għal skambji bħal dawk.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-Ministru jista' taħt dan is-subartikolu b'regolamenti jagħmel provvedimenti li jkunu jżidu mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew jidderogaw minnhom, sabiex iġibu fis-seħħ il-provvedimenti ta' xi konvenzjoni jew trattat ieħor internazzjonali li jkunu jirrigwardaw lir-rifuġjati, l-istatus u l-protezzjoni tagħhom, li Malta tista' ssir parti fihom wara li r-ratifika ta' dak it-trattat tkun ġiet approvata permezz ta' Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Dispożizzjoni transitorja.

**20.** (a) Meta, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, persuna tkun għamlet applikazzjoni għal status ta' rifuġjat quddiem il-Kummissarju Għoli iżda ma tkun ittieħdet ebda deċiżjoni dwar dan, l-applikazzjoni għandha titqies bħala applikazzjoni taħt l-artikolu 8 ta' dan l-Att u għandha tiġi trattata skond dan l-Att.

(b) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, persuna f'Malta li qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att kienet diġà rikonoxxuta bħala rifuġjat mill-Kummissarju Għoli, għandha fuq talba tagħha tkompli tiġi rikonoxxuta bħala tali u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, meta jkunu rilevanti, għandhom ikunu wkoll japplikaw għaliha.

(ċ) Persuna f'Malta li qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, għalkemm mhux rikonoxxuta mill-Kummissarju Għoli bħala rifuġjat, ikollha protezzjoni umanitarja li tingħatalha mill-istess Kummissarju Għoli, jew li l-każ tagħha jkun klassifikat mill-Kummissarju Għoli bħala wieħed ta' interess, għandha meta hija hekk titlob tibqa' titqies bħala tali u għandha tgawdi protezzjoni umanitarja f'Malta kif imfisser taħt dan l-Att.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 357 ta' l-24 ta' Lulju, 2000.

Anton Tabone
*Speaker*

Richard J. Cauchi
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*